**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 24 – Il-Hamis 2 ta' Ottubru fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Mr. Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 23 TAL-LAQGHA TAT 3 ta SETTEMBRU 2014.**

1.1 Il-laqgha bdiet bil-qari u l-approvazzjoni tal-minuti nr 23.

1.2 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, dawn il-minuti gew approvati unanimament.

**2. ARISING**

2.1 IS-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fejn kienet waslet l-LA ghal Triq Id-Dejqa. Is-Segretarju spejgat li l-Kunsill ircieva e-mail minghand l-Engineer tal-WSC fejn staqsa ghal informazzjoni fuq il-Kuntrattur li ser jahdem fi Triq Id-Dejqa u certa informazzjoni ohra, din giet imwiegba fit-23 ta' Settembru 2014. Sallum kienet ghada ma gietx risposta ghalhekk regghat intbaghtet reminder.

2.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa li kien tkellem ma' xi hadd ta' WSC fejn infurmah li l-LA daqt tohrog.

2.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lill-Kunsill li kien wasal ghal widnejha li Triq Id-Dejqa ada ma saretx ghax kien hemm xi tbabis fil-flus mill-Kunsill u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ikkonfermat dan.

2.4 Is-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat li residenti qed jistaqsu ghaliex Triq id-Dejqa ghada ma saretx. Hija wiegbet li l-qeghdin nistennew il-permess ta' l-LA pero il-Kunsill qieghed f'sitwazzjoni hazina hafna fejn jidhlu finanzi. Din il-persuna waslet ghal konkluzjoni li qed ikun hemm xi tahwid fil-flus tal-Kunsill.

2.5 Il-Kunsill unanimament ma' qabilx ma' dan l-istatement u ikkundanna lil min qieghed jaqla dawn il-qlajiet.

2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-grape tree li kienet irraportata lill-Pulizija biex tinqala' minn Alley 2 Preziosi Street.

2.7 Is-Segretarju infurmat li intbaghtu e-mails u saru telefonati lill-Pulizija u dawn qatt ma taw feedback hlief li dejjem jghidu li l-file mhuwiex ghandhom ghax qieghed ghand is-Surgent.

2.8 Ghandha terga tinbaghat reminder.

2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq id-delegi l-godda tal-Kunsilliera.

2.10 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li giet avvicinata mis-Sijnorina Farrugia fejn esprimit li l-Landscaping, li issa jaqa' taht ir-responsabilta tas-Sindku, kien ghal qalba hafna.

2.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, accetat li s-Sinjorina Farrugia ser tkun qed tghin f'din id-delega.

2.12 Is-Sindku kompliet tispjega fuq id-delegi l-godda lill-Kunsilliera u qalet li ma kelliex feedback minghand il-Kunsilliera hlief minghand Lorraine.

2.13 Fuq Il-Public Library li hija delega tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, Is-Sindku qalet li filwaqt li introduciet lilha nnifisha lill-Headmistress il-gdida, ghandha terga titkellem maghha biex tara x'possibilita hemm li terga' tinfetah il-Librerija.

2.14 Is-Sindku kompliet tghid li mal-Headmistress l-gdida tkellmet ukoll li x-xewqa tal-Kunsill hija li l-iskola tkun tista tintuza ghal xi attivitajiet. Diga ser tintuza l-school Hall ghaz-zewg tahdidiet li ser isiru fit-22 t'Ottubru 2014 u l-iskola ser tipprovdi s-siggijiet ukoll.

2.15 Il-Kunsill qabel unanimimaent mad-delegi li nhargu.

2.16 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa l-Kunsill li fuq nr 3.2 L-Iskema ta' l-Isports kienu wiegbu Lija Nursery biss. L-applikazzjoni iffirmata mis-Sindku kienet giet handcarried lid-Dipartiment fis-19 ta' Settembru 2014 ezatt fil-closing date. L-applikazzjoni giet 'acknowledged'.

2.17 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet regghet tkellmet mad-Dipartiment fuq il-fondi li l-Kunsill kellu jiehu fuq l-Iskema ta' Attivitajiet Socjali peress li dawn qatt ma waslu. Hija regghet infurmat li dawn ghadhom ma waslux ghax hemm 'backlog' ta' xoghol fid-Dipartiment u nuqqas ta' Human Resources izda mhux ghax hemm xi problema ohra. Ghandha tinbaghat reminder ohra.

2.18 Is-Sindku nfurmat li s-Socjeta Sant'Andrija talbu biex jiltaqghu maghha biex jitkellmu kif ser jipprocedu fuq il-Presepju Haj ta' din is-sena. Is-Segretarju kompliet tinforma lill-Kunsill li kull applikazzjoni ghal fondi ghandha dejjem issir f'isem il-Kunsill.

2.19 Fuq 4.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa l-Kunsill li filghodu kien hemm laqgha mal-Kunsill ta' Hal Balzan u H'Attard (dawn ma' attendewx) fejn gew ikkonfermat li ser isiru zewg talks fuq Noise Abatement u Energy Efficiency fit-22 t'Ottubru 2014 fis-6.30p.m., fis-sala ta' l-iskola Primarja. Ser jigi ippreparat flyer wiehed, bil-logo ta' tlett

Kunsilli biex jitqassam lir-residenti ta' tlett lokalitajiet. L-informazzjoni tal-flyer ser tinghata minn min ser jaghti t-talks. Dan ser jigi ippreparat u ipprintjat mill-Kunsill ta' Hal Lija, ovvjament l-ispejjes jitqassmu skond il-lokal. B'dan il-ftehim ghandu jigi nfurmat is-Segretarju ta'H'Attard u wara li din taccetta, nipprocedu. Dawn il-flyers iridu jkunu lesti sal-Gimgha 10 t'Ottubru 2014 u jitqassmu It-Tnejn 13 t'Ottubru 2014 mill-haddiema tal-Kunsill.

2.20 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet mas-Sur Salvu Sammut li kiteb il-Ktieb Hal Lija fi Tfuliti peress li kemm il-darba l-Accountant gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill hareg il-fuq minn €4000 euros u m'humiex *accounted for* fil-kunsill peress li l-maggor parti tal-kotba qed jinbieghu mis-Sur Sammut.

2.21 Is-Segretarju tkellmet mas-Sur Sammut fejn qaltlu li l-Kunsill ghandu jkollu rendikont ta' l-stock tal-kotba li ghandu u kemm inbieghu. Din l-informazzjoni hija urgenti peress li dalwaqt jkollna l-Interim Audit.

2.22 Is-Sindku trid li l-Press Conference issir biex tinghata iktar *publicity* lill-ktieb u biex nuru li dan huwa progett ta' restawr mill-Kunsill u li kien ilu miftiehem biex isir.

2.23 Is-Sindku invitat lill-Kunsilliera kollha ghal din il-Press Conference, anke ghal fatt li dan huwa issa l-Kunsill gdid u hemm bzonn li jittiehed ritratt.

## 3.0 HWEJJEG MINGHAND IL-KUNSILLIERA U S-SINDKU

3.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq problema hdejn il-Knisja Tal-Mirakli ghax qed jipparkjaw fuq iz-zuntier u l-Keep Clear. Il-Keep Clear saret biex ikunu jista jissaqqa il-gnien Tal-Mirakli. Irid isir enforcement mill-Wardens u ghandha tinbghat request lit-TM biex isiru il-bollards. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet ukoll fuq ir-rampa ta' Triq il-Kuncizzjoni fejn din qed tkun imblokkata u l-wheelchairs ma jkunux jistghu jghaddu meta r-rampa saret apposta ghal-wheel chairs.

3.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni Finanzjarja, tal-Kunsill u staqrriet li s-sitwazzjoni hija hazina hafna. Hija kompliet tispjega li kien hemm fixed Account li kien halla l-ewwel Segretarju tal-Kunsill u li kien jaghlaq fid-29 ta' Settembru 2014.

3.4 Peress li kien jaghlaq fid-29 ta' Settembru stajna nigbdu l-flus minnu u hallasna li kellna nhallsu lill-bank, issa gejna over imma dan irid jaghmel tajjeb ghal ftit mill-pagamenti ta' Awwissu li ghad iridu jithallsu u l-iskeda ta' pagamenti li ser jghaddu f'din il-laqgha li jammontaw ghal madwar €26,000. Il-tranche ta' l-ahhar quarter li hija ta' 57,734 tidhol f'nofs Ottubru ghalhekk fondi sa l-ahhar ta' Dicembru ser ikollna €65,489.32 li jinkorpora fih ukoll il-flus tas-savings account li fadlilna l-bank.

3.5 Is-Segretarju ghamlet exercise fejn gie identifikat l-ispiza tal-Commitments kollha tal-Kunsill ghal tlett xhur li tammonta ghal €40,284.84 u meta inzidu l-iskeda tal-pagamenti ta' dan ix-xahar, il-pagmenti li ma thallsux tax-xahar l-iehor, ser nispiccaw b'defecit ta' €9,775.11 fl-ahhar ta' Dicembru 2014.

3.6 Minn din id-diskussjoni, is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet issostni li kull attivita, r-residenti rridu jhallasu l-full payment minghajr ebda eccezzjoni.

3.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat li fl-iskeda tal-pagamenti fejn kien hemm pagamenti tal-hargiet kulturali, r-residenti jkunu hallsu kollox, li jissussidja l-Kunsill huwa biss it-Transport. Il-Kunsill qabel li minn issa l-quddiem kulhadd irid ihallas ta' kollox.

3.8 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant semma kif wara li gara s-sena l-ohra fejn ma sar ebda tizjin tal-Milied, ma jistax ikun li din is-sena l-Kunsill jerga' ma jarma xejn ghaliex ir-rahal jidher mejjet u l-Kunsill jidher ikrah. Ghalhekk ippropona li l-Kunsill jaghmel kuntatt mal-Ghaqda tal-Festi Esterni sabiex jghaddulna kwotazzjoni fuq armar li jistghu jaghmlu. Ghandhom ikunu nfurmati li l-budget tal-Kunsill huwa wiehed ristrett hafna.
Il-kunsilliera kollha qablu li ghandu jsir xi tizjin.
Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera qblu li l-Kunsill ghandu johrog madwar €300 ghat-tizjin

3.9 L-Accountant qablet li dawn jekk qed jaghtu servizz iridu jithallsu tas-servizz li ikunu ser jaghtu.

3.10 Kulhadd qajjem il-punt li nispera li l-ghaqdiet l-ohra ma jippretendux finanzi mill-Kunsill ukoll. Is-Segretarju nfurmat li s-Socjeta Sant'Andrija ukoll talbet il-€100 euros li l-Kunsill kien wieghed li ser jaghti lil kull ghaqda. Din tista tinghata biss jekk l-ghaqda tipprezenta invoice ghas-servizz li jkun inghata.

3.11 L-Accountant qablet li l-ghaqdiet ghandhom jiehduha *in turns* biex il-Kunsill ikun jista' jhallas ghas-servizz li l-ghaqda tkun tat.

**4.0 SKEDA TA' PAGEMENTI**

4.1 Il-Minoirty leader Dr. Marc Sant staqsa fuq x'kienet l-iskema tal-Fanali ghal-Gnien Tal-Mirakli li kien jammonta ghal €7934.32. Is-Segretarju infurmat li l-iskema kienet ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar u li minn din l-iskema l-Kunsill ibbenifika s-somma ta' €12,000 u li l-Accountant ikkonfermat li dawn il-fondi kienu waslu ghand il-Kunsill f'April ta' din is-sena.

4.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-pagament tal-Kuntrattur tad-Dawl u s-Segretarju spjegat li d-dawl fir-rahal ftit minnu kien gie devolut lill-Kunsill. Ghalhekk hemm il-kuntrattur imqabbad privat u l-Kunsill irid jiehu hsieb u jhallas l-ispejjes tat-tiswijiet tad-dawl ta' mal-hajt fir-rahal.

4.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet minn fejn qed nixtru l-bozzoz. Is-Segretarju infurmat li l-persuna li kienet qaltilna hija kien ghamel kuntatt mal-Kunsill u biex jaghtina prezzijiet irridu l-ewwel nghidulu xi kwallita ta' bozzoz ghandna bzonn. Irridu nitkellmu mal-haddiema biex jigi identifikat dan.

4.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet fuq il-pagamenti taz-Zumba Classes. Is-Segretarju spegjat li l-lezzjonijiet ihallsuhom ir-residenti imma l-Kunsill ihallas il-Venue fejn isiru u l-instructor.

4.5 Is-Sindku staqsiet fuq il-pagamenti ta' Island Beverages. Is-Segretarju nfurmat li dawn huma l-flixken ta' l-ilma li jinxtara ghal Ufficcju u l-kera tad-dispenser ta' kull sena. Hawnhekk is-Sur Massimo Scerri xtaq jaghmel proposta fejn qed jissugerixxi li jsir Reverse Osmosis. Il-Kunsill qabel li ghandhna niccekkjaw fuqha.

4.6 Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant talab kjarifika dwar il-€100 pagament imnizzel f'isem is-Sur Michael Bedingfield bhala 'repairs windmill window'. Is-Segretarju nfurmat li dawn kienu spejjes tal-hgieg tat-tieqa tal-Mithna. Is-Sindku rringrazzjat lill-haddiema tax-xoghol li ghamlu f'din it-tieqa ghax giet veru pulita. Hija kompliet tghid li issa nqatet is-sigra tat-tina wkoll.

4.7 Il-Minority Leader, Dr Marc Sant staqsa fuq il-pagament lill-Waste Collection Ltd fuq extra manual Sweeper. Is-Segretarju nfurmat li dan kien extra services ta' sweeping ghal Jum Hal Lija.

4.8 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li Dr. Kris Balzan lest ji jistenna biex jithallas. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk ghandnix breakdown ta' dan il-kont. Peress li ma ghandnix ghandna nistaqsu ghalih qabel ma jithallas.

4.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-pagament tal-WasteServ Malta. Is-Sindku spjegat li dan huwa l-kont fejn jintrema il-Waste li jkun ingabar mill-Lokal.

4.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li l-Bring In Sites ghadhom ma tnehhewx minn Agostino Portelli Street f'Ta' Senna. Is-Segretarju nfurmat li dawn ser jergghu morru fil-garage tal-Green Pak sakemm il-Kunsill jiddeciedi post alternattiv. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li kienet baghtet e-mail fejn issugerit post iehor fejn jistghu jitpoggew, fl-area ta' l-Abbati.

4.11 Is-Sindku issugerit li l-post alternattiv ghandu jigi diskuss fil-Kunsill u sadanitant ser jibqghu fil-garaxx tal-GreenPak.

4.12 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-pagament tal-Contracts Manager. Hija qalet li huwa ma ghandux kuntratt iffirmat ghalhekk nistghu inwaqqfulu l-kuntratt , kull ma ghandu huwa Acceptance Letter biss. Is-Segretaju taghat spejgazzjoni lill-Kunsill ta' kif thallas il-Contacts Manager ghax-xahar ta' Settembru. Huwa jithallas 4% fuq ix-xogholijiet kollha u huwa jithallas ukoll tal-kuntratt tal-mobile tieghu.

4.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet lil Dr. Marc Sant biex jiccekkja jekk nistghu nwaqqfu l-kuntratt tieghu f'din ic-cirkostanza fejn qatt ma gie ffirmat il-kuntratt.

4.14 Is-Segretarju nfurmat li issa ghandha l-mobile tal-Kunsill fejn qed jintuza mill-istaff kollu skond il-bzonn.

4.15 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-pagament tat-Techo Clean, il-maids li kienu jigu naddfu lill-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li dak kien kont ta' Awwissu

4.16 Fuq Proposta tas-Massimo Scerri sekondat mill-Minoirty Leader Dr. Marc Sant il-pagamenti gew approvati unanimanent.

**5.0 PPP TOROQ – PAGAMENTI**

5.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li lil Polidano Bros sa 2020 ghandna naqtuh €14,385.00 kull sena u qed tistaqsi ghaliex is-sena l-ohra hallasna darbtejn meta fil-fatt kellna nhallsu darba u din is-sena ergajna tajnieh €29,000 ohra. Hija tixtieq li l-ex Segretarju Ezekuttiv titkellem maghha biex tatiha spjegazzjoni fuq dan ghax forsi kella xi raguni ghaliex sar hekk.

5.2 L-Accountant ikkonfermat li sar *over payment* lil Polidano ghax sar pagament ta' €29,000 f'Marzu 2013 u f'Novembru 2013 reghu thallsu €24,000 ohra u din is-sena sar pagament iehor ta' €29,000.

5.3 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-ex Accountant kien hadem schedule ta' kif ghandhom jithallsu l-pagamenti ta' Polidano sa sena 2020. Hija kkonfermat mieghu li Polidano Bros jafu fuq dan l-arrangament ghax hemm kuntratt.

5.4 Is-Segretarju kkonfermat li d-Dipartiment ma ghandux x'jaghti aktar pagamenti lill-Kunsill u l-Accountant ikkonfermat dan. Mentri l-Accountant ikkonfermat li l-ex

A/Segretarju kienet bl-idea li d-Dipartiment ghadu mhux lest mill-pagamenti lill-Kunsill ghalhekk il-Kunsill qieghed f'din is-sitwazzjoni finanzjarja. Gara ukoll li meta rcevejna l-ahhar pagament minghand id-Dipartimet f'Novembru 2013, mill-ewwel hallasna lil Polidano, ghalhekk inkunu hallasna lil Polidano darbtejn is-sena l-ohra.

**6.0 ACCOUNTS**

6.1 Is-Sinjorina Johanna Caruana, l-Accountant tal-Kunsill ipprezentat l-Accounts kollha sa l-ahhar ta' Lulju 2014.

6.2 Fil-Profit and Loss Account dak inhar kien hemm *depreciation* fl-ahhar u sitwazzjoni hija – (€16,500) tal-perjodu ta' l-ahhar ta' Lulju 2014

6.3 L-Accountant ikkonfermat li l-Interim Audit isir fil-bidla tas-Segretarju Ezekuttiv, ghax is-Segretarju huwa l-kap Amministrattiv tal-Kunsill. Creditors sa l-ahhar ta' Lulju 2014 kienu ta' €109,574.37. Hemm accruals ta' €4,500

6.4 Il-Current Account huwa minus balance waqt li l-Savings Account huwa ta' €19,986.11.

6.5 Tkellimna ukoll fuq il-Merchants Accounts mal-BOV u HSBC fuq il-permessi.

6.6 Il-Kunsilliera komplew jistaqsu fuq l-Accounts lil Accountant.

6.7 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant, staqsa kemm hallas il-Kunsill fuq il-Cultural Events. L-Accountant tat lista ta' affarijiet li thallsu fuq il-Cultural Events bhal tal-Karnival, Citrus Festival, Jum Hal Lija u ohrajn. Fuq ic-Citrus Festival, is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill hallas iktar flus minn dawk li suppost niehdu.

6.8 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq it-tnaqqis mill-allokkazzjoni li l-Kunsill kellu ta' €786.00 euros f'Jannar ta' din is-sena. L-Accountant spjegat li dan it-tnaqqis kien dovut ghax il-Kunsill naqas milli jipprezenta l-Creditors List f'Gunju 2013 imma t-tnaqqis sar f'Jannar 2014.

6.9 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ressqet ilment li l-Kazin tal-Football qed johrog hafna kaxxi u garbage bags biex ma jibqax jaghmilha. Is-Segretarju nfurmat li hija kienet diga cemplitlu imma ser terga taghmel kuntatt mieghu.

6.10 F'dan il-hin, is-Sinjorina Stephanie Cutajar harget mill-laqgha tal-Kunsill. Il-hin huwa 18.50p.m.

6.11 Irid isir 'cross cutting' minn kull haga, anke Is-Sur Chris Pullicino li kien jaghmel agudikazzjoni tat-tenders irid jinqata.

6.12 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kkonfermat anke ma' l-Accountant li l-Interim Audit ghandu jsir. Ghandha tinbaghat e-mail lil Awditur Generali bir-request. Hija kompliet tghid li hija spiza imma peress li issa s-sitwazzjoni hija kif inhi zgur li l-Interim audit irid isir.

6.13 L-Accountant kompliet tghid li waqt l-Interim Audit,ma' l-Accounts irid isir Budget sa' Dicembru.

6.14 Il-Kunsill iddecieda li jrid isir budget ghall kull attivita li jkun ser jaghmel.

**7.0 BYE-LAWS**

7.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ipprezenta korrispondenza fuq bye-laws

7.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ghandhom jigu kkuntatjati l-HSBC biex jirrinovaw ir-reklami hdejn Villa Francia, Vjal it-Trasfigurazzjoni u Tal-Mirakli.

7.3 Fuq il-byelaws tan-Notice Boards, il-Minority Leader informa li biex jitwahhlu reklami iridu jinfurmaw lill-Kunsill.

7.4 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill wara l-ahhar laqgha hija kienet kitbet lill-MEPA minhabba l-Billboard li hemm f'Naxxar Road. Fl-istess hin il-Kunsill irceiva ittra minghand il-MEPA fejn qed tavza fuq tahrika ghal ksur tal-ligi fuq l-istess Billboard. Is-Segretarju nfurmat li din l-ittra hija biss notifika lill-Kunsill li hemm tahrika.

7.5 Saret bye-law ohra fuq protezzjoni tal-Mithna u Tat-Torri Belveder li hadd ma jista jaghmel xejn maghhom

7.6 Bye law ohra hija 'Use of facilities', filkas ta' Hal Lija hija fuq l-uzu tat-Torri, il-Mithna, Centru Rekreattiv u l-Gnien Tal-Mirakli.

7.7 Fuq It-Torri irid jithallas depositu ta' €1000 u hlas kuljum ikun ta bejn €200 / €500 skond l-attivita.

7.8 Fuq il-Mithna il-hlas ikun ta' bejn €100 / €300 kuljum

7.9 Fuq Ic-Centru Rekreattiv il-hlas ikun ta' bejn €50 / €100 kuljum

7.10 Fuq il-Gnien tal-Mirakli l-hlas ikun ta' bejn €50 / €100 kuljum

7.11 Il-Kunsill iddiskuta jekk dawn il-prezzijiet ghandhomx ikunu fissi. Gie deciz li l-prezz ghandu jkun skond l-attivita ser tkun.

7.12 Isemma ukoll li l-istorbju ghandu jieqaf sal-hdax sakemm ma jkunx hemm permess mill-Pulizija li jghid mod iehor

7.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li kieku hi tmur iktar il-quddiem, peress li dawn is-siti huma vicin il-villel u r-residenzi, li l-kunsill ghandu dritt li iwaqqaf il-hsejjes meta jsiru dawn l-attivitajiet f'kull hin ghax per ezempju, ma jistax xi hadd ikun qed jaghmel attivita fit-Torri u jhalli l-muzika gholija. Intqal ukoll li ma jistghux jintuzaw tazzi tal-hgieg ghall-attivitajiet.

7.14 Dr. Marc Sant kompla jitkellem fuq il-Bye-Law ta' l-Adverts. Huwa dahhal il-billboards, publications u Media Socjali.

7.15 Is-Segretarju ghandha tibghat lill-Kunsilliera kollha din l-informazzjoni li Dr. Marc Sant ghamel fuq il-Bye Laws filwaqt li Dr. Sant ghandu jerga jirrevedi din l-informazzjoni kollha anke informazzjoni fuq LCD screens

7.16 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u l-Kunsilliera taw il-go ahead biex Marc ikompli jipprocedi.

**8.0 KORRISPONDENZA MINGHAND L-AKL**

8.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kienet ircieviet korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali (AKL). L-AKL fakkret li darba kull erba' (4) xhur tohrog supplement mal-gazzetta 'The Times of Malta' fejn minghajr ebda hlas, taghti lill-kunsilli lokali l-opportunita li juru progett li jkun sar jew jippromovu attivita taghhom. Is-Sinjura Magri Naudi qalet li bhala Kunsill ghandna nkunu ta' l-ewwel, biex nghaddu din l-informazzjoni anki peress li il-President tal-AKL huwa ukoll membru fil-Kunsill ta' Hal Lija.

**9.0 LISTA TAL-VIP U AFFARIJIET OHRA MINGHAND IL-KUNSILLIERA**

9.1 Residenta li toqghod Giuseppe Cali qed taghmel request biex isir re-freshing ta' lines fi Triq Giuseppe Cali u ssir Grid ma' l-art hdejn il-garage tal-Percius Car Hire ghaliex hemm

problemi kbar ta' parkegg specjalment minhabba ground tal-football waqt *training sessions* u biex idur minhabba li din it-triq hija ma tinfitx. Is-Segretarju infurmat li l-grid ma gietx approvata mit-TM, refreshing tal-lines jistghu isiru mill-haddiema tal-Kunsill. Irid isir follow up fuq iz-zeba sewda biex isir ir-refreshing taz-zebra crossings.

9.2 Il-Kunsill gie nfurmat mis-Sindku li rapprezentat mit-TM rega gie fl-Ufficcju tal-Kunsill biex jara *r-requests* pendenti li l-Kunsill ghad ghandu mat-TM. Is-Segretarju kienet infurmat lill-Kunsill kollhu dwar din il-laqgha u baghtet il-lista kollha tar-requests pendenti lill-Kunsilliera biex jekk ikollhom xi jzidu, izidu. F'din il-laqgha gew ipprezentati anke *requests* godda. Dawn kellhom jinbaghtu kollha lit-TM bir-ritratti ta' kull wiehed.

9.3 Mr. Farrugia jixtieq jaghmel request ghal sign 'No Horns' fi Triq Preziosi, Hal Lija. u Sur Grima jixtieq jaghmel request ghal 'No Horn Signs' fi Triq Sant'Andrija. Il-Kunsill baqa' ma iddecidiex fuq dan *ir-request.*

9.4 Is-Sur Joe Seychell jixtieq jistaqsi l-Kunsill jistax jaghmel sign ghal hanut il-gdid tieghu fi Transfiguration Avenue c/w Robert Mifsud Bonnici taht is-sign tal-Atm, sign zghira li tghid Ta' Torri Confectionery l-isem il-gdid tal-hanut. Peress li ghandna diga bye-law fuq l-ghamara tat-toroq, din is-sign tista ssir u kull sena jithallas il prezz ta' €93 u mhux akbar minn 0.1 square metre

9.5 Il-Kunsill tkellem fuq il-Maid ghall-Ufficini tal-Kunsill ghax trid ticcara il-fatt li dawn il-maids peress li mhumiex kumpanija, ma jhallsux VAT allura ma tkunx tista' tinghata VAT receipt lill-Kunsill. Bhalissa il-Kunsill ma ghandnux Maid u ma jistax l-Ufficcju tal-Kunsill jibqa ma jitnaddafx.

9.6 Is-Sinjorina Lorraine semmiet li forsi nistghu ingibu attendant tal-University Residence u tidhol mal-kera ta' l-Ufficcju.

9.7 Gie deciz li ghandna nistaqsu lill-Accountant jekk nistghux ingiebu maid u ma taghtinix VAT receipt.

9.8 Residenta li toqghod fi Triq Geraldu Azzopardi tixtieq tirraporta li quddiem il-bieb taghha u tal-garage no.28 joqghod l-ilma u li meta taghmel hafna xita qieghed jispicca gol-garage taghhom. Ghandu jsir appuntantement mal-Perit dwar dan l-ilment.

9.9 Mr. Daniel Grech jixtieq jirraporta li gewwa Hal Lija qieghed ikun hemm hafna residenti li jaharqu xi affarijiet fosthom plastic fil-gonna u l-ghelieqi taghhom. Hu jixtieq jaghmel request lill-Kunsill Lokali biex titqasmu leaflets biex dan ma' jibqax isir u li jkun hemm pieni horox ghal min jinqabad. Is-Sindku qalet li hafna drabi dan jigi minghand Smart Supermarket imma l-Kunsill ma iddecieda xejn dwar dan.

9.10 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li Dr. Kris Balzan iltaqa maghha u s-Segretarju fuq il-kwistjoni tal-flooding f'Hal Balzan. Il-Kunsill ma jistax ihallas €12,000 bhala danni ghal flooding li sar fir-residenza gewwa Hal Balzan. L-Avukat staqsa kemm l-inqas li l-Kunsill

jista jhallas u jekk jaqbel kulhadd forsi anke €1000,00 ghax hija Act of God. Il-Kunsill iddecieda li ma jhallas xejn ghax filfatt kienet Act of God.

9.11 E-Mail minghand il-board tal-Governanza datata 26.09.14 fejn il-Board qed jghid li :

A. m'ghandhomx jittiehdu l-ebda inizjattivi biex jingabru fondi jekk ma jkunx hemm byelaw li tippermetti dan.
B. Ic-Cwievet tal-propjetajiet tal-Kunsill Lokali ghandhom dejjem ikunu fil-kustodja tal-Kunsill u mhux jinzammu jew jinghataw lill-persunu terzi
C. L-ornijiet tax-xogholijiet ghandhom jinhargu biss minghand is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill peress li huwa l-persuna responsabbli kemm mill-ammnistrazzjoni u l-finanzi tal-Kunsill.

Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat li hi kienet fid-dover li din l-ittra tinqara waqt il-laqgha tal-kunsill

9.12 Tpoggiet fuq il-Mejda tal-Kunsill ittra minghand l-IPSL fuq il-hinijiet tal-haddiema assenjati mal-Kunsill u l-ilbies protettiv. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi iddiskutiet mal-Kunsill il-hinijiet il-haddiema ta' l-IPSL fejn suppost skond il-ligi zommu mal-hinijiet pero ahjar dawn il-haddiema jaghtuna bicca xoghol sewwa u jaghmluha f'saghtejn milli thallihom il-hin kollu hekk kif suppost u ma jaghmlu xejn. Hija kompliet tghid li dakinhar filghodu l-haddiema nehhew it-tina kollha li kien hemm mal-Mithna u intlew kollhom hakk u brijat. Huma xorta baqghu jaghtu s-servizz taghhom ghalkemm kellhom bzonn jiehdu shower. Hija kompliet tghid li accettaw ukoll li jtellghu il-hajt ta' mal-Mithna. Ma ghandix nesageraw u jekk ikun hemm il-bzonn bhal ma gieli gara dawn jibqghu jaghtu s-servizz taghhom.

9.13 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li ftit tal-granet qabel kien gie l-Inspector taghhom is-Sur SavonaVentura, biex jiccekkja fuq x'jaghmlu l-haddiema fil-Kunsill. Ahna qednilhom li dak kollu li nqabbduhom huma jaghmluh. Hu offrilna li jekk ikollna bzonn huma ghandhom grupp ta' nies li jkunu nistghu inqabbduhom xi progetti jew xogholijiet. Bhala labour costs il-Kunsill ma jhallas xejn filwaqt li l-Kunsill ihallas biss ghal materjal.

9.14 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat lill-Kunsill li kellimha xi hadd u qalla biex insewwu r-rubber li hemm fil-ground iz-zghir fic-Centru Rekreattiv. Is-Sindku infurmata li konna kellimna lis-Sur Tabone tal-Forestals biex jaghtina kwotazzjoni biex insewwuh. Din il-mara li kellmitha hadet permezz minghand is-Sindku biex tkellem hi lis-Sur Tabone biex ikun jista' jghinha finanzjament fuq dan ix-xoghol filwaqt li tesprimi l-importanza li dan il-ground jitranga ghal gid tat-tfal.

9.15 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni minghand Mr. Clean biex titnaddaf il-Mithna perss li hemm hafna hmieg tal-hamiem li kienet tammonta ghal €271.40 . Peress li huwa hmieg tal-hamiem irridu noqghodu attenti ghax huwa perikoluz hafna. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issugerit li ingibu kwotazzjoni ohra minghand l-Ozone System, is-Sur Mario Muscat.

9.16 Is-Sindku infurmat li ghandha lil xi hadd li jixtieq jaghmel exhibition fil-Mithna u f'Novembru irid jigu biex jara hiex tajba imma qabel titnaddaf u jkun kollox sewwa mhux ser tghidlu biex jigi izur il-Mithna.

9.17 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill proposta minghand il-Kumpanija jisimgha Ornet fuq il- Permit Management System. Din hija kumpanija privata fejn thaddem sistema biex thaffef iktar il-process ta' kif isuru il-permessi. Is-Segretarju infurmat lil-Kunsill li hija qalet lill din il-Kumpanija li l-Kunsill juza s-sistema tal-Gvern.

9.18 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq Harruba fi Triq Sqaq Nru.1 Triq Sant'Andrija fejn is-Sur Borg Micallef ghamel l-ilment ghax din l-ewwel net din hija sigra barra fit- triq u t-tieni net jista' jkun li ftit ta' snin ohra din tista taghmel hsara minhabba l-gheruq taghha. Is-Sindku kompliet tinforma lill-Kunsill li hija tkellmet ma' Dr .Cuschieri ta' l-ELC fejn qaltlu li din il-harruba tellghet wahidha, ghalkemm giet ikkultivata minn resident. Is-Sur Borg Micallef baghat xi ligijiet mill-MEPA.

9.19 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li meta mar ir-resident li qed jikkultiva din is-sigra tal-harruba, huwa qal li mhux ser jaqtaghha ghax mhiex qed taghmel hsara lil hadd u jekk ghandha taghmel hsara, huwa lill-bir tieghu stess ghax huwa iktar vicin minn tar-resident l-iehor.

9.20 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia semmiet ukoll is-sigra ta' l-gheneb li hemm f'Alley 2 Preziosi Street li din ukoll trid tinqala ghax qeda barra.

9.21 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li dan l-ilment qieghed ghand il-Pulizija u kemm il-darba ghamlet follow-ups fuqu. Pero il-Pulizija qatt ma taw feedback u kull darba jghidu li l-file qieghed ghand l-Spettur.

9.22 Gie deciz li ghandhna niktbu lill-MEPA biex jintbaghat enforcement officer ghaz-zewg sigriet u anke ghas-sigra tac-Centru Rekreattiv u tal-Mirakli biex jinqalaw ukoll.

9.23 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq ir-rampa li kella ssir fil-Housing Estate u l-ex A/Segretarju kienet qalet li tista taghti lill-Kunsill rampa li kienet ta xi hadd li kien miet. Ghandha tinkiteb ittra ufficcjali lis-Segretarju tal-Kunsill tal-Belt cc lis-Sindku, fejn nghidu li skond il-ftehim li konna ghedna, hija kellha taghti din bhala donation ir-rampa ta' l-injam lill-Kunsill Lokali ta' Hal Lija.

9.24 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll li l-fence tal-Housing Estate ghadu ma tkompliex. Is-Segretarju spjegat li ghadna qed nistennew il-poles li huma ordnati biex jitkompla l-fence.

9.25 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq il-fence li kien diga sar ghax dan il-fence ma ghandux access biex jinfetah u jinghalaq. Din ghandha tigi irrangata mill-haddiema tal-Kunsill. Is-Sinjorina Farrugia tkellmet fuq il-lock li kien inqala.

9.26 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia giet infurmata mir-residenti tal-Housing Estate li l-Perita kellmet lil xi resident u qaltlu li hemm certi affarijiet li jridu jsiru mill-Kunsill u certi affarijiet li huma fir-responsabilta tal-Housing.

9.27 Ghandu jigi ccekkjat x'hini r-responsabbilta' tal-Kunsill u tal-Housing Authority fir-rigward tal-Housing Estate.

9.28 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq request ta' rampa fi Triq Sant' Andrija minhabba it-traffiku eccessiv. Hija qalet li jekk ghandna ramps tar-rubber jista' jsir dan. Is-Segretarju nfurmat li r-rubber ramp li ghandu l-Kunsill trid terga titpogga fi Triq Il-Mithna. Ghandhom jigu ikkuntattjati l-familja Scicluna biex naraw fejn tista titpogga din ir-rampa

9.29 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li jridu jinqataw is-sigar li hiergin mill-hitan f'Ta' Senna fejn hemm id-dghajsa. Ghandhom jinqatghu biss is-sigar ta' barra. Dan ghandu jsir mill-ELC.

9.30 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem rigward il-Birgu by Candle Light li din is-sena ser issir bejn is-Sibt 11 u l-Hadd 12 t'Ottubru 2014. Huwa staqsa jekk il-Kunsill hux ser jorganizza trasport ghal din l-attivita. Gie deciz li l-attivita ssir nhar is-Sibt 11 t'Ottubru 2014. Ghandha ssir flyer immedjetament u titqassam lir-residenti kollha u ghanda niccargjaw €3 ghat-trasport.

9.31 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant issugerixxa li l-hargiet tal-Heritage isiru nhar l-Erbgha 5 ta' Novembru 2014. Hemm wahda l-Birgu u l-ohra l-Heritage il-Belt.

9.32 Is-Sindku issugerit li ssir harga wahda dik tad-dar ta' l-Inkwizitur tal-Birgu u maghha jkun hemm lunch jew kaffe id-D Centre. Dr. Marc Sant ghandu jiccekkja fuq il-harga tal-Birgu u jinforma lis-Sindku biex tingieb kwotazzjoni minghand id-D-Centre. Il-prezz ghandu jkun ta' €1 plus il-kaffe jew lunch. Dr Sant ghandu jiccekkja fuq hinijiet u dettalji ohra.

9.33 Il-Mnority leader Dr. Marc Sant staqsa jekk kienitx waslet xi risposta minghand l-Onor Stefan Buontempa rigward il-Premises tal-Kunsill. Is-Segretarju infurmat li kienet intbaghtet reminder lilu personali imma r-reminder l-anqas biss giet acknowledged.

9.34 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant semma l-korrispondenza li waslet minghand l-Ambaxxatur Malti ghal Franza Vince Camilleri lejn tmiem l-2013 fejn dan kien talab li ssir xi haga zghira bhala tifkira ta' Fernand Gregh – awtur Franciz li ghandu rabta ma' Hal Lija. Fil-fatt it-triq ta' faccata t-triq tal-Kunsill huwa propju msemmi ghal dan l-awtur. L-Ambaxxatur Camilleri kien wera x-xewqa li titpogga plakka zghira bhala tifkira tal-awtur. Dr Sant u s-Sindku ser jahdmu fuq din l-inizjattivia.

9.35 Is-Sindku tkellmet li kienet avvicinata mis-Sur Victor Zahra li kien qed jisugerrixxi li ssir attivita l-Mithna bhal wine tasting.

9.36 Is-Sindku ma taqbilx ma din l-attivita ghax jista jigri li peress li l-Mithna tkun irrangata minnhom, din jehduha f'idejhom pero qalet lill-Kunsilliera biex jahsbu fuqha anke ghal futur. Hija qalet li ghalissa fil-Mithna tixtieq li isiru xi ftit exhibitions.

9.37 Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant issugerixxa li ghandna nghidu lill-gardinar biex jaghti xi ftit kulur lit-torri bill jinzerghu xi ftit fjuri bhal ibiscus. Dawn ghandhom jinzerghu fil-pots tal-gebel.

9.38 Il-Minority leader Dr. Marc Sant, tkellem fuq il-facebook page. Is-Segretarju infurmat li din kienet diga kellmet lis-Sinjura Jeanette Galea ghax hi u l-ex a/segretarju biss kellhom ir-rights ghal-facebook. Issa li it-tnejn ma ghadhomx jahdmu mal-Kunsill ta' Hal Lija allura ir-rights iridu jghaddu ghand haddiehor.

9.39 Is-Segretarju tkellmet fuq il-laqgha plenarja tal-Kunsilliera li ser issir fid-Dolmen Hotel nhar is-17 u 18 t'Ottubru 2014. Is-Segretaju nfurmat li l-prezz bil-lunch huwa ta' €50.00 imma il-prezz minghajr lunch huwa ta' €25.00.

9.40 Is-Sindku infurmat li hija ser tattendi imma minghajr lunch

9.41 Il-Minority leader, Dr. Marc Sant gibed l-attenzjoni li ghandna niccirkolaw l'e-mails kollha li jaslu minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

9.42 Is-Sindku, s-Sinjura magda Magri Naudi infurmat li kellha stedina biex nhar it-Tnejn 6 t'Ottubru titkellem fuq l-Istazzjon tal-Living biex titkellem fuq Hal Lija u l-Kunsill.

9.43 Il-Kuntrattur tal-Garbage il-gdid beda fl-1 ta' Ottubru, peress li Dr. Sant tkellem mal-Foreman filghodu u issugerixxa li forsi il-collection tibda tingabar filghaxija. Din ghad trid tigi diskussa.

**TMIEM**

Il-laqgħa spiccat fis-19.10hrs intemmet is-Seduta u b'mod unanimu aġġornat għal nhar L-Erbgħa 5 ta' Novembru 2014 fl-17.00hrs.

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Ezekuttiv